

32002R2014

L 311/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.11.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2014/2002
tas-7 ta' Novembru 2002
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrelataw ma' kummerċ ta' l-oġġetti.
- (3) Skond dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati skond il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3.
- (4) Huwa xieraq li informazzjoni tat-tariffa vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu mid-detentur, taħt

id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, għal perjodu ta' tliet xhur.

- (5) Il-miżuri li li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness huma kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhix skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tkompli tintalab taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2002.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 149, tas-7.6.2002, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17.

L-ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti (1)	Kodiċi NM (2)	Raġunijiet (3)
<p><i>Epoxyde resin</i> f'forma ta' pilloli ċilindriċi, li t-tul tagħhom ma jaqbiżx id-dijametru, komposti minn trab ikkompresat</p> <p>Dawn il-plastiks jintużaw għall-enkapsulazzjoni ta' semi-kondutturi u ċ-ċirkwiti integrati elettroniċi</p>	3926 90 99	<p>Il-klassifikazzjoni hij stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 3926, 3926 90 u 3926 90 99</p> <p>Il-materjal tal-plastik ippreżentat f'forma ta' pillola ċilindrika mhux ikkunsidrat li huwa forma primarja ta' l-intestaturi 3901 sa 3914, kif deskritt fin-nota 6 tal-Kapitolu 39</p>